# Kelma Waħda Biss

*Novella ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO

DAK in-nhar li Karmena waslet lura mis-safar kien hemm ferħ liema bħalu fit-triq tagħha. Tad-dar kienu ħadu t-telegramm xħin keilha tasal u missierha u ħuha kienu niżlu x-xatt jilqgħuha. Telqu lura lejn ir-raħal bil-karozzin ta' Grezzju, ta' maġenbhom, u daħlu fost iċ-ċempil tal-qanpiena tal-karrozzin, l-agħjat tat-tfal li kienu jilagħbu ħafjin fit-triq u l-ġiri ta' nies oħra li ħallew minn idejhom u telqu jgħaġġlu għal għandhom biex jarawha u jifirħulha. Fuq kull fomm ma tismax ħlief "Karmena" tiela' u "Karmena" nieżel. "Waslet. ħej, Karmena! Rajtekx, kollox igħaddi. Qisha marret il-bieraħ! Imbierek Alla! Harġet għall-iskola dik Karmen! Kemm hi brava! Ġiet sinjora f'sentejn."

Dan kien għall-ħabta ta' nżul ix-xemx ta' jum ta' Ġunju —meta r-raħħal ikun ġeżż in-nagħaġ tiegħu, il-bidwi ħasad il-qamħ u għamel l-andar u tkun bdiet tinbitlu l-bħajra. U ma' nżul ix-xemx dawn in-nies ikunu reġgħu lura lejn id-dar fejn tkun tistennieħom ikla sħuna li timla ż-żaqq u ssaħħaħ l-iġsma għajjiena bit-tbatija tal-jum. Imma dak in-nhar ma kienx bħal ġranet oħra u kulħadd ħareġ minn daru u n-nies inġemgħet quddiem id-dar ta' Ċensu, missier Karmena — dar bil-faċċata mbajda friska u l-bibien miżbugħin ġdid. Kien hemm nies ta' kull xorta: min qiegħed hemm biex iħares biss għax tagħmel bih il-kurżità, min jimbotta 'l ta' quddiemu bla jaf sew għaliex, min dieħel għand Ċensu u min ħiereġ b'wiċċu daħkan. Dak in-nhar missier Karmena fetaħ idejh u kien hemm min billha sewwa n-niexfa qabel reġa' telaq minn għandu lejn daru. Karmena kienet fil-kamra tal-pranzu — li qatt ma jieklu fiha — imdawra b'niesha u qrabatha kulħadd isaqsiha kif marret barra, kif inhi l-ħajja, kif sabithom in-nies u elf mistoqsija oħra li Karmena għarfet twieġeb waqt li kompliet bit-tbissima fuq fommha ma' kull min daħal jifirħilha. F'daqqa waħda, billi l-aħbar laħqet xterdet mar-raħal kollu, instema' wkoll id-daqq tal-banda wara l-bieb. Kienu daqs sitta minn nies, min bil-vjolin, min bil-klarinett u min bil-katuba u t-tħanxir u t-twerżiq ta' l-istrumenti żiedu juru l-ferħ tan-nies li dik ix-xbejba tar-raħal tagħhom kellha ħila tilħaq f'sentejn sinjora ta' l-iskola.

Siktet fl-aħħar il-banda, in-nies tbattlet u Karmena setgħet tistrieħ ftit mill-għeja tal-vjaġġ fi ħdan niesha. Imma dik il-

lejla ma kienx hemm dar jew ħanut fejn ma ssemmietx Karmena, issa fil-batal u issa fis-sewwa. Xjuħ u żgħażagħ, nisa u rġiel, jafuha u ma jafuhiex, ukoll dawk li marru jifirħulha, kulħadd, riedu jgħidu tagħhom. Kien hemm min qal li raha għolbot kemm damet imsiefra, li saret bla qadd u l-libsa saret tperper fuqha, imma oħrajn fuq l-istess bniedma qalu li wiċċha kien ħa l-lewn u li ġiet aħjar milli marret. Iż-żgħażagħ tħaddtu fuq il-ġmiel ta' wiċċha, fuq il-barma ta' ġisimha u fuq il-ħeffa ta' għajnejha leġġi. Imbagħad kien hemm oħrajn li tathom ġewwa din li t-tifla ta' Ċensu laħqet sinjora. Uħud minnhom qalu b'nofs għira "Laħqitlu 'l Ċensu, rajthiex? Dik hi x-xorti! Tgħid ma kienx hawn min hu kapaċi daqsha għall-iskola! Imma fid-dinja l-flus kollox". Instemgħu mbagħad oħrajn li kliemhom jagħti raġun 'il dawk li jgħidu li San Pawl neħħa l-velenu minn ħalq il-lifgħa biex tefgħu f'ħalq il-Maltin. Għax ma sabux fhiex iqabbdu difrejhom, qalu dawn il-kliem: "Ajma jommi! Issa tara, ħej, billi laħqet kemm ġejja polikarja u kemm ġiebet ksuħati magħha! Dalwaqt tibda titkażża b'missierha talli jbigħ il-ġwież. Mhux diġà, qabel telqet, kienet tarana koroh għax nitkellmu mgħawweġ bir-raħli? Ajma, ma nafx jien fejn sa naslu b'din l-iskola kollha tal-lum." L-aħjar fost kulħadd kienu dawk il-ftit oħrajn li ma qalu xejn u qablu f'kollox ma' dak li ntqal minn ħaddieħor.

Fost iż-żgħażagħ li dik il-lejla ntasbu għand Ġamri tal-ħanut biex jippintjaw l-inbid u jaħarqu s-sigaretti wieħed biss kien hemm li baqa' sieket — bla ma qatt fetaħ fommu. Dan kien jismu Żarenu, imma għall-ħeffa kulħadd kien isibu b'Żaru, għax iqsar. Meta l-inbid jitla' fir-ras, l-irjus jisħnu u dak iż-żagħżugħ, li qagħad waħdu f'rokna għalih, seta' jisma' ċ-ċajt goff, il-għana li beda jindaqq fuq il-kitarra u, fl-aħħar, il-klimijiet li ntqalu fuq din Karmena. Kien hemm xi ħaġa li tagħżlu minn l-oħrajn 'il dak iż-żagħżugħ. Mhux mill-ilbies, għad li kien liebes tajjeb, qalziet u sidrija tas-sarġ, u f'saqajh kien xedd papoċċ kannella tal-Ġapan bil-qiegħ tax-xama'. Imma l-ħarsa tiegħu kienet ta' wieħed jaf iġib ruħu, jaf sa fejn għandu jasal fiċ-ċajt u ma jinżilx fil-baxx biex ħaddieħor jidħaklu. F'daqqa waħda, meta xi ħadd minn dik iċ-ċorma xurbana stiednu biex jixrob oħra bis-saħħa tas-sbejħa Karmena, Żaru qam bil-herra, ta xengila 'l isfel lill-pizz tal-beritta, ħares bl-ikrah lejn l-oħrajn u baqa' ħiereġ 'il barra bla kliem u bla sliem.

Lil Karmena Żaru kien ilu jafha minn tfulitu. Missieru u missierha kienu xbejjen; ta' l-ewwel kien għammed il-kbira ta' Ċensu u dan kien għamel il-Griżma 'l Żaru. Kienu joqogħdu fl-istess triq u għalkemm Żaru kien sentejn ikbar iż-żewġt itfal kienu ġejjin u sejrin għand xulxin, kull fejn imorru dejjem flimkien, issa fl-għalqa jirgħu n-nagħaġ, issa fil-wied ilaqqtu magħlef ħaxix, wara l-iskola jarmaw il-ħmara u jmorru l-mitħna jew jeħdu l-kafè l-għalqa lil missieru jonkella jaqilgħu l-patata jew jiżirgħu t-tewm. Meta kibru, mill-Iskola tal-Gvern għaddew għal tagħlim akbar u wara sentejn Żaru qata' qalbu u ħalla waqt li Karmena ssuktat għal assistenta...... U Żaru qorob it-tmintax u kellu jmidd għonqu għax-xogħol. Irrikkmandawh mal-perit u laħaq supristant. Kien iqum filgħodu kmieni jaqra n-nies taxxogħol u mbagħad iqassam in-nies kulħadd fejn għandu jaħdem u jagħti daqqa t'għajn ix-xogħlijiet li kienu jsiru u jirrapporta lil ta' fuqu xi jkun isir. Ta' tmintax il-qalb tkun bdiet tiftaħ għal dak il-ġmiel mistur li jissejjaħ imħabba u Żaru beda jħoss bħal ġibda ġdida lejn Karmena, is-sieħba tal-logħob ta' tfulitu. Imma ma riedx ifixkilha fl-istudji tagħha u għalhekk ikkuntenta ruħu li jgħaddi minn quddiemha hija u sejra l-iskola u jikolha bil-ħars, u minn ġol-ġnien tad-dar tiegħu kien jaraha tippassiġġa bil-ktieb f'idha fuq il-bejt fl-aħħar ġranet qabel l-eżami...... U darba—kien is-sajf meta kienet tistenna r-riżultat minn barra — waqqafha fuq il-għajn wara nofs inhar u stqarrilha mħabbtu. Karmena nfixlet, telgħet fawra ta' mistħija f'wiċċha u ma għarfetx twieġeb għajr il-kelmiet "U ħallina minn dan, Żar!" Imma billi ma qaletx le, Żaru baqa' jittama fuq li jittama li dak li ma kienx għad jista' jkun. Tama fiergħa! Għax lanqas biss tbissima waħda ma qatt tagħtu biex tqawwilu qalbu.

Għadda ż-żmien u Karmena laħqet assistenta, baqgħet tistudja, ingħażlet għal sinjora u siefret. Kemm damet hemm Żaru staqsa baxx baxx fuqha u rnexxielu jiddobba l-indirizz tagħha ta' barra u kitbilha iktar minn darba — ittri ta' żagħżugħ bla sabar jittallab il-faraġ ta' l-imħabba m'għand il-ħanina. Imma lanqas biss weġbitu: selliet biss għalih darba f'waħda mill-ittri tagħha u xejn aktar... Issa kienet reġgħet lura r-raħal. Imma min jaf għadx ittih wiċċ? Min jaf qagħadx jistenna dan iż-żmien kollu ta' xejn? Għax bħal dik illum ma tkunx trid taf bih! X'jagħmel? Jerġa' jwaqqafha? Imma jekk tiksru u tgħidlu le ma tregħxux u twaqqagħlu wiċċu l-art?! Mhux aħjar jisten-

na ftit ieħor fejn ilu ħafna, qabel jagħti xi pass fil-vojt? Jistenna għal issa! Hekk jaqbel... Ta' din ix-xorta kienu t-tifkiriet u l-ħsebijiet li bdew ġejjin f'moħħ Żaru f'dik il-lejla. Jistenna mela!

U Żaru stenna. Għaddiet ġimgħa u ġimgħa oħra u l-ġimgħat saru xahar, xahrejn, tlieta u Karmena nxeħtet għax-xogħol ġdid tagħha. Imma, għax tgħid, donnha ma kenitx f'sikkitha sa barra. Kellha xi ħaġa fil-ħarsa li kienet tixhed tqanqil kbir ġewwa qalbha. Saret ta' ftit kliem, ma toħroġ imkien, ħbieb ħadd, tilfet aptitha u ġie waqt li sabuha bil-ktieb miftuħ quddiemha skantata, bil-ħarsa mitlufa fil-bogħod. X'ma għamlux niesha biex iderrulha? Billi! Kollu ta' xejn!... Żaru nduna wkoll imma qajla seta' jifhem x'kien li qed isewdilha qalbha dik it-tfajla li kienet issaltan waħedha fi ħsebijietu minn filgħodu sa filgħaxija. Kemm-il darba staqsa lill-purtinara kif inhi s-sinjora u bosta drabi ħallielha magħha bukketti sbieħ talward jew xi bixkilla frott misjur.

Miskin Żaru! Kif seta' qatt jagħrblilha qalbha, jikxef issigriet u jagħraf il-ġrajja li kienet għaliha l-isbaħ u l-ikreh tifkira ta' ħajjitha? Il Karmena ma tlumhiex. Ma kienx mill-agħar Żaru u ma kellha xejn kontra tiegħu. Biss meta tiġi għall-imħabba...... kif jista' marid idewwi marid ieħor? Għax hija wkoll darba ħabbet, u ħabbet fis-sewwa. Imma mhux lil Żaru. Tiftakar, qisu l-bieraħ meta telgħu fuq il-vapur għall-Ingilterra, hija u oħra u tliet subien, ilkoll għal surmastrijiet. Tul il-vjaġġ għamlu ħbieb sewwa l-ħames Maltin; jieklu, jixxemmxu fuq il-gverta, jiżfnu filgħaxija, kollox flimkien. Wieħed mis-subien — dak li għallimha tagħmel il-passi taż-żfin — kien minn Tas-Sliema, jismu Roby. Kien ċajtier, għajnejh daħkana, xagħru mġiegħed, jimxi wieqaf wieqaf u kien jaf jitkellem fuq ħafna xorti, saħansitra fil-moda tan-nisa kien jifhem. Qabel infirdu biex imorru kulleġġi differenti, ftiehmu li jiktbu lil xulxin. U dak li ma setgħux jgħidu 'l xulxin bil-kliem qaluh bil-kitba. Għadhom għandha l-ittri tiegħu. Kollha refgħethom!...... Filvakanzi tal-Milied u tal-Għid u tas-sajf kienu jiltaqgħu u ġieli iqattgħu ġranet sħaħ għand ħbieb oħra studenti bħalhom. Xi żmien kien dak! Mixjiet twal qalb il-widien kollha siġar u ħdura, fuq il-muntanji, max-xtajtiet tax-xmajjar...... *picnics* f'irħula ħelwin f'xatt il-baħar. U Roby u Karmena dejjem flimkien u biż-żmien il-ħbiberija ta' fuq il-vapur inbidlet f'imħabba

safja. Kemm-il darba, mitlufin f'sakra ta' mħabb̄a, ħalfu 'l xulxin li ma kellhom jinsew qatt wieħed lill-oħra!

Issa kienu għaddew is-sentejn — għaddew bħal ħolma. Reġgħet ġiet hawn, minn daqs dak kob̄or, tindifen f'dan ir-raħal!! Oh x'dinja din li tlaqqa' fejn ma għandhiex tlaqqa' u tifred fejn l-iktar kien messha tgħaqqad! Kif inqaleb̄ kollox kemm ilha li ġiet lura! Lil Roby ma tarah qatt ħlief fl-aħħar tax-xahar meta jidħlu l-Belt għas-salarju. Imbagħad — jifirħu b'xulxin għal ftit. Donnu bħal dari — imma mhux sewwa sew bħal dari. Roby ma baqgħax dak li kien; minn kliemu u għamilu kien b̄ħal beda jibred lejha u wara dil-brud̄a spiċċa biex jaħrabha u ma jimxix magħha... sakemm semgħet li qed jerġa' joħroġ mat-tfajla li kien ikellem fl-antik u li kien iġġieled magħha ftit qabel siefer... Kemm kienu fiergħa d̄awk il-wegħdiet li taw 'il xulxin barra minn Malta!

Xejn ħlief iż-żmien ma jiswa biex ifejqilha l-ferita li baqgħet f'qalbha. Iż-żmien biss inessi!

Imma madankollu kien hemm xi ħad̄d̄ li ż-żmien, flok naqqaslu, kattarlu t-tama li xi darba għad ikun jista' jsejjaħ 'il Karmena tiegħu. U waqt li din kienet qed tnin bl-imħabba għal min kisrilha qalbha, l-imsejken Żaru qagħad jistenna minn għand Karmena kelma waħda b̄iss li timlielu qalbu b'dak il-faraġ li hi kienet għalxejn ittallbet mn'għand ħad̄d̄ieħor.

---

## IL-ĠMIEL

*X'inhuwa l-ġmiel? Wara li ħafna ħsibt,*
*Naf illi fl-aħħar it-tweġiba sibt.*

*Il-ġmiel hu ïn-normal, il-ġmiel hu s-saħħa;*
*Il-ġmiel hu l-qawwa u kull wirja tagħha;*
*Meta l-maħluq iħoss il-ħajja fih*
*Jidher u jkun, f'għajnejn in-nies, sabiħ.*
*Sa hawn il-ħsieb. Iżda kif lilek rajt*
*B'għajnejja 'l moħħi tifsir ġdid jien tajt.*

*Il-ġmiel hu int, il-ġmiel huwa għajnejk,*
*Il-ġmiel huwa ïl-lwien ta' fuq ħaddejk;*
*Il-ġmiel hu rasek ċkejkna, id-daħka tiegħek,*
*Il-ġmiel dak kollu ïlli jaqsam miegħek.*
*Sabiħa l-art li fuqha int irfist,*
*Il-ward sabiħ għax lejh inti ħarist.*

E. Agius.